MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1138/2004

**Eden Enbtertainment Limited (C-26701)**

**vs**

**Frank Cachia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm466.61) ammont dovut lill-konvenut ghal servizzi ta' reklamar rezi lilu mis-socjeta` attrici fuq Bay Radio; Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar, 2004, u bl-imghax legali mill-31 ta' Jannar, 2003, data tal-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm466.61), bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Jannar, 2003.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------